MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Numru. 550/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**vs**

**Saveria sive Saverin Sinagra ta' 74 sena bint Emmanuele u Caterina nee' Caruana, imwielda Zejtun, fl- ta' Marzu 1936, residenti fl-indirizz 30, Triq Luqa Briffa, Zejtun, detentur tal-karta ta'l-identita numru 244536(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata Saveria sive Saverin Sinagra li permezz taghha hija giet akkuzata talli nhar it-8 ta' Gunju 2007, u fi zminijiet ta' qabel fiz-Zejtun, u postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

1. Ikkorrompiet ufficjal jew impjegat pubbliku.

2. Weghdet tghat jew offriet, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li taserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub Titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap.9. tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex iggieghel lil dik il-persuna ohra tezercita dik l-influwenza sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor.

3. Irceviet jew accettat xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghaliha stess jew ghal xi hadd iehor, bil-ghan li jesercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub Titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex iggieghel lil dik il-persuna ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat n-nota ta' rinviiju ta'l-Avukat Generali tat-12 ta' Mejju 2008.

Semghet illi l-imputata ma kellhiex oggezzjoni illi dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn din il-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi min-nota tar-rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali jirrizulta illi l-imputata qed tigi akkuzata bir-reat tal-korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku. Illi l-fatti li sawru dana il-kaz huma ammessi mill-imputata stess kemm fl-istqarrijiet li hija tirrilaxxja lill-pulizija kif ukoll fix-xhieda li hija taghti quddiem il-Qorti. Jirrizulta mill-provi akkwiziti illi l-imputata

kienet tghin nies sabiex huma ighaddu mill-ezami quddiem il-Bord Mediku bil-ghan illi huma jieqfu mix-xoghol ghal ragunijiet ta' sahha u b'hekk jibdew jircevu il-pensjoni ta'l-invalidita' mid-Dipartiment ghas-Sigurta Socjali. L-imputata, mara anzjana, maghrufa gewwa z-Zejtun li toffri dina it-tip ta' assistenza lin-nies, kienet taf lil certu Thomas Woods li kellu il-kariga ta' assistent privat secretary mal-Ministeru tas-Sahha. Bl-ghajnuna ta' dana Woods, Sinagra kienet toffri l-ghajnuna lil dawn in-nies li riedu ighaddu bord mediku. Ghal dina l-assistenza hija tghid illi kienet tghaddi xi flus u rigali ohra lil dana Woods. L-imputata issostni illi mill-flus li kienet tircevi minn ghand dawn in-nies hija ma kienet izzomm xejn izda kienet tghaddi kollox lil Woods f'envelope issiggillat. Irrizulta kemm mix-xhieda ta'l-imputata kif ukoll tal-persuni l-ohra li hija assistiet f'dana ir-rigward illi hija kienet titlobhom is-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) u dana fuq istruzzjonijiet li kien jaghtiha l-istess Thomas Woods. Il-flus imbaghad kienet tghaddiehom lilu personalment. Minbarra l-flus hija tghid illi dana Woods kien jezigi ukoll xi rigali u kien hemm xi okkazzjonijiet fejn dawn spiccat kellha tixtrihomlu hi stess minn butha. Dana kollu l-imputata tghid li ghamlitu biex tghin in-nies u tibqa' tinsisti illi hija qatt ma zammet flus ghaliha u qatt ma tallbet lin-nies johorgu xi flus ghaliha talli kienet qed taghmlilhom dana il-pjacir.

Illi l-istorja dwar dana l-allegat tixhim harget meta l-imputata kienet qed tghin lil certu John Camilleri sabiex jghaddi mill-bord mediku u dana fil-bidu tas-sena 2007.[1] Huwa kien avvicina lill-imputata peress illi kienu qalulu xi nies illi hija setghet tghinu. Jidher illi dana Camilleri kien ibati bid-depressjoni bil-konsegwenza illi huwa ma kienx kapaci iktar ikompli fix-xoghol tieghu bhala supervisor gewwa il-Malta Drydocks. Jghid illi l-imputata ghalhekk ghenitu jimla l-applikazzjoni u kompliet tghinu matul il-process kollu li jsir quddiem id-Dipartiment ghas-Sigurta Socjali. L-imputata kienet ukoll qaltlu sabiex meta jmur fid-Dipartiment tas-Sanita huwa ikellem lil Thomas Woods.

[1] Ara xhieda ta' John Camilleri a fol.53 et seq.

Dana Camilleri beda jinsisti ma'l-imputata biex thaffiflu l-process u kien hawnhekk illi hija tallbitu jghaddilha is-somma ta' Lm600. Camilleri izda ma kienx dispost ihallas dawn il-flus u ghalhekk qalilha biex twaqqaf l-process kollu. Quddiemu jghid illi cemplet lil Thomas Woods u qaltlu biex iwaqqaf l-applikazzjoni tieghu. Wara dana huwa rega' mar ikellem lil Dr. Joseph Cassar u irrakontalu dak kollu li kien gara, qallu wkoll illi minhabba problemi finanzjarji ma kellux flus xi ihallas. Meta l-istess tabib sema b'din l-istorja huwa ghalhekk ghamillu appuntament ma' certu Maria Sciriha direttur fil-Ministeru ghall-Politika Socjali fejn imbaghad dana Camilleri irrapporta lilha dak li kien sehh f'dana il-kaz u minn hawn bdew l-investigazzjonijiet li wasslu ghall-akkuzi odjerni. Illi sussegwentment mill-investigazzjonijiet maghmula mill-pulizija irrizulta illi kien hemm nies ohra illi l-imputata kienet offrietilhom l-istess forma ta' assistenza.

Illi l-Qorti semghet ukoll ix-xhieda ta' Mario Cachia[2] li jikkonferma illi l-imputata kienet ukoll ghenitu sabiex jibda jircevi il-pensjoni ta'l-invalidita', u ghal dana huwa kien hallasha s-somma ta' Lm600. Dawn il-flus huwa jikkonferma illi ghaddiehom lil Sinagra meta spicca il-process kollu, fi flus kontanti gewwa envelope. Izda jghid illi ma jafx x'ghamlet Sinagra b'dawn il-flus. Jikkonferma wkoll illi hija kienet irreferietu ghand Thomas Woods li kien jahdem fid-Dipartiment tas-Sahha. L-istess ukoll jikkonferma Joseph Demicoli li kien avvicina lil Sinagra wkoll ghall-istess raguni u hi infurmatu illi sabiex jigi invaliditat fuq ix-xoghol, huwa kellu jhallas xi flus. Jikkonferma illi l-imputata tallbitu Lm600 u hu fil-fatt ghaddiehomla. Ukoll f'dana il-kaz, l-imputata kienet irreferietu ghand Thomas Woods u hu mar ikellmu.

Illi Thomas Woods ingunt sabiex jaghti x-xhieda tieghu quddiem il-Qorti ghazel li ma jixhidx u dana sabiex ma jinkriminax ruhu w ghalhekk dina l-Qorti ma kellhiex l-opportunita' tisma l-verzjoni ta' dana Woods ta' kif sehh dana l-kaz. Ix-xhieda Joseph Mallia u Andrew Scicluna

---

[2] Ara xhieda a fol.58 etseq.

ukoll ghazlu li ma jaghtux ix-xhieda taghhom quddiem il-Qorti.

Illi fin-nota tieghu tar-rinviju, l-Avukat Generali jindika essenzjalment zewg disposizzjonijiet tal-ligi li tahthom tista’ tinstab htija fil-konfront ta’l-imputata u cioe’ l-artiklu 120 kif marbut ma’l-artikolu 115 u l-artikolu 121A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi minn ezami ta’l-**<u>artikolu 115</u>** tal-Kodici Kriminali li jikkontempla r-reat ta’ korruzzjoni jirrizulta illi l-elementi bazici li jridu jigu ippruvati huma essenzjalment erba’ u cioe:

1. in-natura ufficjali jew pubblika ta’l-impieg tal-persuna ikkoncernata.

2. li dik il-persuna irceviet jew accettat flus, jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma ikunux dovuti skond il-ligi.

3. li dana jkun in konnessjoni ma’l-istess kariga jew impieg.

4. li l-iskop ikun illi l-persuna taghmel jew ma taghmilx id-dmir tieghu/taghha.

Illi b’rabta ma’ din id-disposizzjoni tal-ligi, l-Avukat Generali iccita wkoll l-artikolu 120, fejn titqies bhala komplici il-persuna li tikkorrompi l-ufficjal pubbliku.

Illi ghalhekk l-ewwel element essenzjali ghal kummissjoni ta’ dana ir-reat huwa n-natura ufficjali jew pubblika ta’l-impieg tal-persuna li qed tigi korrota. Illi l-Professur Mamo fin-noti tieghu dwar id-dritt penali ighid: “***The character of public officer or person employed under the Government is the first essential of this crime. The wording is very wide and embraces all officers or employees under the Government. … It includes all public officers or employees whether their duties are judicial, ministerial or executive or mixed.***”

Illi l-artikolu 92 imbaghad jiddisponi testwalment illi:

"**Taht il-frazi generali 'ufficjal pubbliku' jidhlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, civili u militari, izda wkoll dawk il-persuni kollha li huma mahtura skond il-ligi sabiex jamministraw xi parti tas-setgha ezekuttiva tal-Gvern, jew biex jezegwixxu xi dmir iehor pubbliku impost mil-ligi, sew gudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-wahda u l-ohra.**"

Illi d-difiza tikkontendi illi dana l-ewwel element ma giex ippruvat mill-prosekuzzjoni u dana fid-dawl tax-xhieda moghtija minn Astrid Miller Principal fil-Management and Personnel Office fi hdan l-Ufficju tal-Prim Ministru, fejn hija tixhed u tghid illi dana Thomas Woods ma huwiex impjegat mal-gvern.[3] Tikkonferma illi huwa external recruit u ghandu kuntratt privat mal-Ministeru tas-Sahha. B'effett mill-1 ta' Settembru 1999, Thomas Woods kien jokkupa il-kariga bhala assistant private secretary mal-Ministeru tas-Sahha. Il-kuntratt tieghu baqa' jigi mgedded sakemm gie terminat fis-26 ta' Gunju 2007.

Illi minn dana jirrizulta illi ghalkemm Thomas Woods ma huwiex impjegat mall-Gvern madanakollu fiz-zmien tal-kummissjoni ta' dana ir-reat, huwa kellu kuntratt ta' impieg mal-Ministeru tas-Sahha. Illi ghalkemm il-kuntratt tax-xoghol tieghu qatt ma gie esebit, madanakollu ma hemmx dubbju illi huwa kien impjegat permezz ta' kuntratt ta' impieg ghal zmien definit u dana fil-kariga ta' segretarju privat fi hdan il-Ministeru. Dana jwassal ghal konkluzjoni wahda biss u cioe' illi huwa kien jokkupa kariga pubblika fi hdan il-Ministeru ghas-Sahha u dana sahansitra mill-1999. Kif ghalhekk ma hemmx dubbju ukoll illi huwa gie mahtur mill-Gvern sabiex jezegwixxi dmir pubbliku fi hdan dana il-Ministeru. Certament wiehed ma jistax jghid illi Thomas Woods kien impjegat fis-settur privat meta kellu kuntratt ta' impieg ma' Ministeru u ghalhekk mal-Gvern. Tant hu hekk li minhabba fil-kariga li kien jokkupa fis-settur pubbliku huwa seta jinfluwixxi fuq decizjonijiet amministrattivi li jittiehdu sabiex persuna tigi initolata

[3] Ara xhieda Astrid Miller a fol.168 et seq.

tircevi pensjoni socjali ghall-invalidita'. Ghaldaqstant ma hemmx dubbju illi dana l-ewwel rekwizit gie ampjament ippruvat.

Illi fit-tieni lok, dik il-persuna trid tkun irceviet jew accettat flus, jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma ikunux dovuti skond il-ligi. Illi mill-provi akkwizti gie stabbilit illi l-imputata Saveria Sinagra kienet tircevi s-somma ta' Lm600 minn ghand persuni li kienu jitolbu "l-ghajnuna" taghha, liema flus hija kienet tghaddi 'in toto' lil Thomas Woods. Dina s-somma kienet titlobha fuq xewqa ta'l-istess Woods, li kien tghaha struzzjonijiet sabiex tigborlu s-somma ta' Lm600. Mhux biss, izda kif tghid l-imputata fix-xhieda taghha, Woods ma kienx kuntent biss b'dawn il-flus, izda kien jezigi rigali ohra minn ghand l-imputata:

"**Nghid illi fil-fatt dan Thomas Woods kien jghidli, meta nehdolu n-nies ghandu, li ma kienx ikun irid anqas minn sitt mitt Lira Maltin (Lm600) fi flus talli jghinhom biex jghaddu bord. Hu kien jghidli meta fil-fatt kienu jghaddu li kien ser jigi ghalihom ghandi d-dar … Fil-fatt kien jigi hdejn id-dar, icempilli l-qanpiena, jiena kont nohroglu l-envelope u nghaddiehomlu fil-karozza. … Apparti dan kollu nghid illi Thomas Woods kien ukoll jippretendi illi jinghata xi rigali ghall-ghajnuna li joffri lil dawn in-nies u mhux l-ewwel darba illi n-nies kienu jehdulu xi flus jew inkella xi hamper. Anzi xi kultant kien jirrabja mieghi ghax il-whisky ma kienx ikun dak illi joghgob lilu u kien jippretendi illi jrid whisky iktar gholi tat-tlieta u hamsin lira u ghalhekk jiena kont nohrog il-flus jiena minn buti biex nikkuntentah."** U dana apparti rigali ohra illi l-imputata tghid illi kienet tixtri lil Woods fuq istruzzjonijiet tieghu stess.[4] Illi ghalkemm ma hemmx prova dwar x'kien jaghmel Woods bil-flus li kienet tghaddielu Sinagra u jekk huwa kienx jaqsamhom ma' xi terzi persuni, madanakollu ma hemmx dubbju illi huwa kien jaccetta mhux biss flus, izda anke rigali sabiex jaghti l-ghajnuna tieghu lin-nies biex jircevu il-pensjoni ta'l-

[4] Ara xhieda ta'l-imputata a fol.197 tal-process

invalidita. Dana huwa ikkoroborat mix-xhieda principalment ta’ John Camilleri li isostni illi meta huwa ma riedx ihallas il-flus, Sinagra kienet ikkomunikat ma’ dana Woods u qaltlu sabiex iwaqqaf il-process kollu. Fil-fatt sussegwentment meta huwa jerga imur fl-ufficcju ta’ Woods fi hdan il-Ministeru ma’ persuna ohra certu Pawlu Catania, Woods stess jikkonfermalu illi l-applikazzjoni kienet twaqqfet u li kien hemm sinjal ta’ salib fuqha. Dana ghalhekk jikkonferma x’kien jigri meta il-flus ma kenux jithallsu lil Woods minn Sinagra u cioe’ huwa kien immedjatament iwaqqaf l-applikazzjoni. Dana jorbot mat-tielet element essenzjali ghal kummissjoni tar-reat tal-korruzzjoni u cioe’ illi l-weghda tal-flus trid tkun marbuta mal-kariga jew impieg ta’ l-ufficjal in kwistjoni. Illi ma hemmx dubbju illi Thomas Woods kien jiehu hsieb jipprocessa dawn l-applikazzjonijiet ghal pensjoni ta’l-invalidita’. Dana jirrizulta mix-xhieda kemm ta’ John Camilleri kif ukoll tax-xhieda l-ohra kollha li iddeponew li kienu applikaw sabiex jircevu dina l-pensjoni. Kollha kemm huma jsostnu illi fil-kors ta’l-ipprocessar ta’ dina l-applikazzjoni huma kellhom kuntatt ma’ dana Thomas Woods. Fil-fatt anke certu Francis Mangion u Francis Grima[5], li applikaw ghal pensjoni, ghalkemm isostnu illi lil Saveria Sinagra ma jafuhiex, madanakollu jghidu illi kien l-istess Thomas Woods li assistihom fl-iprocessar ta’ dina l-applikazzjoni. Illi ghalhekk dana Thomas Woods kien qed jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel. Dana jwassal ghalhekk necessarjament ghall-ahhar rekwizit u cioe’ illi f’dana il-kaz l-ufficjal in kwistjoni gie imhallas mhux biex jonqos milli jaghmel dak li kien fid-dmir illi jaghmel, izda proprju gie imhallas sabiex jaghmel dak illi fl-ahhar mill-ahhar kien xogholu.

Illi dina d-disposizzjoni tal-ligi fil-kaz in dizamina hija marbuta ma’l-artikolu 120 tal-Kapitolu 9, peress illi hanwhekk hija Saveria Sinagra li qed tigi akkuzata u mhux Thomas Woods. Illi d-difiza madanakollu tikkontendi illi l-imputata ma tistax tinstab hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha stante illi l-*mens rea* f’dana il-kaz huwa ghal kollox nieqes. L-imputata issostni illi hija ghanlet

[5] Ara xhieda a fol. 95 u 97 rispettivament.

dana kollu sabiex tghin lin-nies. L-imputata li hija mara anzjana, jidher illi kienet maghrufa fir-rahal taz-Zejtun li tghin lin-nies anke sabiex isibu impieg, iggibilhom xi certifikati mehtiega – kienet qisha xi sensara, matrijarka tar-rahal! Hija tghid illi ghall-ghajnuna li kienet taghti lin-nies ma kienet tircevi l-ebda kumpens u ghalhekk peress illi kienet taf lil dana Thomas Woods bdiet tghin lin-nies ukoll jottjenu pensjoni ta'l-invaldita.

Illi l-artikolu 120 iqis lil persuna li tikkorrompi ufficjal pubbliku bhala komplici fir-reat previst f'dana il-kaz fl-artikolu 115. Illi l-ligi taghti definizzjoni ta' min jitqies li huwa komplici fl-artikolu 42 fejn hemmhekk jigu ikkontemplati hames sitwazzjonijiet fejn persuna tirrendi ruhha komplici. Illi mill-qari ta' dina d-disposizzjoni tal-ligi jidher car illi f'kull cirkostanza ikkontemplata irid ikun hemm 'l hekk imsejjah *common design* bejn l-awtur u il-komplici. Ma hux necessarju, kif tikkontendi id-difiza illi l-komplici ikun ghamel xi forma ta' qliegh huwa innifsu u cioe' ikun kiseb xi vantagg finanzjarju. Bil-fatt biss ghalhekk illi l-imputata kienet tagixxi qisha is-sensara ta' dana Woods billi tressaqlu in-nies u titlob lil dawn in-nies il-flus sabiex hija imbaghad tghaddihom lil Woods necessarjament iwassal ghall-konkluzjoni wahda u cioe' illi kien jezisti dana 'l hekk imsejjah *common design* bejnha u bejn Woods illi huwa jassisti lin-nies li kienet tressaqlu l-imputata u in kontra-kambju hija kienet tigborlu s-somma ta' Lm600 u tghaddiehomlu. Dana kien isir ghal raguni wahda u cioe' kif tghid hija stess sabiex jithaffef il-process ta' dina l-applikazzjoni u ghalhekk sabiex dawna n-nies jinghataw trattament specjali, jaqbzu lil nies ohra li jkunu anke applikaw qabel u jinghataw il-pensjoni malajr u minghajr xkiel. Il-fatt illi l-imputata kienet taghmel dana 'senza interessi' ma jfissirx illi hija ma kienitx qed tirrendi ruhha komplici fil-kummissjoni ta' dana ir-reat.

Illi kif gie deciz f'kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Mario Camilleri et. deciza fit-30 ta' Lulju 2009, mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali:

**"Il-korruzzjoni li dwarha qeghdin nitkellmu hi, skond id-duttrina prevalenti, karatterizzata minn ftehim**

**volontarju bejn l-ufficjal (jew impjegat) pubbliku u l-persuna li tikkorrompi (li, kif inghad, hija kkunsidrata fil-ligi taghna bhala komplici) permezz ta' liema ftehim jitwieled veru u proprju *pactum sceleris*.**"

Il-Professur Mamo ighid: "***The briber or corruptor is only an accomplice in as much as <u>he instigates or strengthens the resolution of the public officer or employee by giving or offering rewards or promises</u>.***" (sottolinjar tal-Qorti)

Illi ma hemmx dubbju illi fil-kaz in dizamina kien hemm dana il-*pactum* jew ftehim bejn Saveria Sinagra, l-imputata u Thomas Woods is-suggett passiv ta' dana il-korruzzjoni. Illi l-argument tad-difiza illi l-imputata ma kellhiex l-intenzjoni li tikkorrompi lil Woods ghalhekk ma tregix peress illi jirrizulta anke minn ammissjoni ta'l-imputata stess illi hija kienet titlob lin-nies ihallsu il-flus ghaliex kienet taf perfettament illi permezz tal-hlas dawna n-nies kien jirnexxielhom jottjenu dak li xtaqu.

Ghaldaqstant dina l-akkuza tirrizulta ampjament ippruvata.

Illi l-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju tieghu ghal gudizzju jindika disposizzjoni ohra tal-ligi u cioe' r-reat ikkontemplat fl-artikolu 121A tal-kapitolu 9 li li jaqra:

**"Kull min iwieghed, jaghti jew joffri, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti ta' dan is-subtitolu, sabiex igieghel lil dik l-persuna ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor, ghandu, meta jinsab hati, jehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tlett xhur sa sena."**

Illi l-interpretazzjoni ta' din id-disposizzjoni tal-ligi giet esposta f'zewg sentenzi moghtija mill-Qrati taghna u cioe' wahda moghtija mill-Qorti Kriminali fit-13 ta' Lulju 2006 fl-

ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Dr. Noel Arrigo u it-tieni wahda deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2008 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Gino Zammit fejn inghad:

**"Illi minn ezami ta'l-artikolu gdid 121A jemergu zewg reati separati. Dak kontemplat fis-subartiklu (1) huwa dak ta' persuna li twieghed, taghti jew toffri, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti. Mela hawn ghandha il-kaz fejn A is-soggett attiv, qieghed iwieghed, joffri jew jaghti lil B xi vantagg mhux xieraq biex B jinfluwenza kif jiddeciedi C., sija jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal C jew ghal xi hadd iehor, prezumibbilment D."**

Illi minn ezami tal-provi akkwizti f'dana il-process dana ir-reat certament ma jistax jissussisti u dana peress illi ma jirrizulatx ippruvat illi l-imputata kienet qed tircevi xi flus ghaliha personali sabiex hija tikkorrompi lil Thomas Woods. Il-persuni li ghenet l-imputata, kollha jaqqblu bejniethom illi l-imputata qatt ma tallbithom xi flus ghaliha personali. L-imputata stess issostni kemm fl-istqarrijiet taghha kif ukoll bil-gurament meta tixhed quddiem dina l-Qorti illi hija kienet tghin dawn in-nies minghajr l-ebda interess personali. Lanqas ma gie ippruvat illi l-imputata kienet hi li offriet il-flus lil Woods sabiex l-istess Woods ikun ta' influwenza fuq xi decizjoni li kellha tiehu xi terza persuna. Dana qed jinghad peress illi ma giex ippuvat ezattament x'kien jaghmel Woods sabiex jiffacilita dawn l-applikazzjonijiet u cioe' l-applikazzjonijiet sabiex persuna tigi intitolata tirecvi dina il-pensjoni ta'l-invalidita' u jekk huwa kienx ighaddi xi flus lil xi terzi persuni u cioe' lil persuni li kienu ser jiehdu id-decizjoni dwar l-applikazzjonijiet. Mill-provi dana ma jirrizultax. Ghaldaqstant dina l-akkuza certament ma gietx ippruvata sufficjentement u ghalhekk l-imputata ser tigi liberata mill-istess.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti ma tistax tinjora l-gravita ta' dana ir-reat. B'referenza ghal dana ir-reat tal-korruzzjoni ta'l-ufficjal pubbliku, il-Professur Mamo ighid**: "*The punishment attached to an offence so dangerous, so easily perpetrated, so hard to be discovered ought to be such as rigorously to exclude the temptation to sacrifice duty to gain*."** Min-naha l-ohra il-Qorti ma tistax tinjora il-fattispecje partikolari ta' dana il-kaz. L-imputata hija mara anzjana li hija afflitta b'mard kroniku u mard iehor marbut ma'l-eta taghha.[6] Il-fedina penali taghha hija wahda nadifa u l-imputata ikkolloborat mal-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjonijiet u ma innegat qatt l-involviment taghha f'dana il-kaz. L-imputata involviet ruhha f'dana il-kaz ta' tixhim minghajr interessi personali u x'aktarx giet uzata mill-awtur ta' dana ir-reat. Ghalhekk piena karcererja effettiva f'dana il-kaz certament ma hijiex idonja.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 115(a), 120, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tillibera lill-imputata mit-tieni u it-tielet akkuzi migjuba fil-konfront taghha, issibha hatja ta'l-ewwel akkuza u tikkundannaha ghal perijodu ta' sena prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana l-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti, twissi lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Illi fid-dawl tal-piena inflitta fuq l-hatja li ma teccediex is-sena prigunerija, u fid-dawl tal-fattispecje partikolari ta' dana il-kaz, l-Qorti ma tarax illi ghandha tibqa' fis-sehh l-ordni taghha tas-27 ta' Gunju 2007 mahrug ai termini ta'l-artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta u ta'l-artikolu

[6] Ara certfikati medici a fool.137 sa 144 tal-process

23A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk tordna illi l-istess ordni ghandha tithassar b'effett immedjat.

Il-Qorti tordna li kopja ta' dina s-sentenza tintbaghat lir-Registratur tal-Qorti sabiex jaghmel dak previst fl-artikolu 5(6) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lill-imputata thallas l-ispejjez peritali fis-somma ta' €1167.28, lir-Registratur ta-Qorti

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------